**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 2/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Carmelo THEUMA**

**Illum, 7 ta' Awwissu 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-7 ta' Diċembru 2022 fil-konfront ta' **Carmelo THEUMA**, iben Benedict u Josephine nee` Spiteri, imwieled il-Pieta` nhar is-17 ta' Frar 1956, residenti ġewwa 99, Dar il-Kuksa, Triq San Benedettu, Kirkop u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0167956(M), li ġie mixli talli:

   Nhar is-17 ta' Novembru 2021, għall-ħabta tas-19.00hrs, ġewwa Ħal Kirkop limiti ta' Triq l-Imdina u fil-Gżejjer Maltin ma ssodisfax il-

kundizzjonijiet kollha speċifikati fil-Liċenzja Speċjali biex jipparteċipa fil-proġett tal-Gvern għar-riċerka fuq is-seba' speċi tal-Għasafar tal-Għana fil-Ħarifa 2021, maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u dan bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145 u f'kull liġi oħra;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bħala kollettur tad-data telaq mill-istazzjon tar-riċerka mingħajr ma neħħa x-xbieki jew għatta kompletament ix-xbieki u ma kienx fuq is-sit tar-riċerka sabiex il-mansab jiġi sorveljat il-ħin kollu u dan bi ksur tar-Regolament 12(h) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145 dwar l-Għasafar tal-Għana;

Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bħala kollettur tad-data telaq mill-istazzjoni tar-riċerka mingħajr ma neħħa x-xbieki jew għatta kompletament ix-xbieki u ma kienx fuq is-sit tar-riċerka sabiex il-mansab jiġi sorveljat il-ħin kollu u dan bi ksur tar-Regolament 7(h) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.74 dwar Malvizz u Pluviera.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-Avviż Legali 79 tal-2006, hekk kif emendat Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat ir-regolamenti 14 u 12(h) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 9 tal-Liġi Sussidjarja 549.74, sabet lill-imputat (illum l-appellant) **Carmelo THEUMA** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundannatu għall-multa ta' elf ewro (€1,000).

Il-Qorti, fit-termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, ordnat ukoll is-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **Carmelo THEUMA** appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors tal-appell intavolat minnu fil-15 ta' Diċembru 2022, u talab lil din il-Qorti sabiex:

"*1. Thassarha u tirrivokaha u minflok tilliberah minn kull piena u htija.*

***B'mod alternattiv:***

2. *F'każ li sentenza tibqa' invarjata, tingħata piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ.*"

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi permezz tar-risposta tagħha, l-Avukat Ġenearli opponiet għat-talba tal-appellant kif dedotta fir-rikors tal-appell tiegħu u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess risposta.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi l-appell ġie trattat mill-partijiet quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-udjenza miżmuma fid-29 ta' Awwissu 2023. Fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif preseduta, nhar it-22 ta' Frar 2024, din il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, u l-partijiet iddikjaraw illi ma kellhom xejn iżjed xi jżidu mat-trattazzjoni tagħhom quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta, b'dan għalhekk illi l-appell ġie differit għas-sentenza.

## F. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi mill-atti proċesswali, senjatament mill-affidavit ta' PS 661 C. Grech[1] u PC 541 L. Fava[2], jirriżulta illi nhar is-17 ta' Novembru 2021, għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija (19.00 hrs), waqt li l-Pulizija kienu fuq ronda ġewwa l-lokalita` ta' Ħal Kirkop, irċevew telefonata anonima b'informazzjoni illi fil-limiti ta' Ħal Remiġ, Ħal Kirkop, kien qed jinstema' *bird caller*. PS 661 u PC 541 għalhekk irrikorrew fuq il-post u niżlu bil-pass fl-għelieqi, fejn hekk kif bdew bit-tfittxijiet tagħhom, ħdejn għalqa partikolari, lemħu dura, li magħha kien hemm diversi *cables* u ħbula, u hekk kif qorbu viċin tagħha, innutaw żewġt imnasab armati bix-xbieki, li ma kinux mgħottija. Għalkemm daru fil-viċinanzi sabiex jaraw jekk kienx hemm xi ħadd li kien qed jgħasses dawn l-imnasab, it-tfittxija rriżultat fin-negattiv. Għalhekk PS 661 għamel il-verifiki tiegħu mas-sistema provduta lilhom mill-*Wild Birds Regulation Unit* u rriżulta illi l-imnasab armati kienu ta' Carmelo THEUMA, ossia l-appellant odjern. Irriżulta wkoll illi mansab minnhom kien armat għall-għasafar tal-għana, filwaqt illi ieħor kien armat għall-għasafar tal-imlievez u l-pluvieri.

7. Illi jirriżulta wkoll illi nhar l-20 ta' Novembru 2021, l-appellant ġie mitkellem minn PS 661 C. Grech ġewwa l-uffiċċju tal-*Environment Protection Unit*, u ġie mgħarraf bir-raġuni għaliex ġie mitlub sabiex jattendi ġewwa l-istess uffiċċju. Huwa ġie mogħti d-drittijiet tiegħu, inkluż id-dritt li seta' jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu wiċċ imb'wiċċ, jew permezz ta' telefonata, jew illi l-avukat tiegħu jkun preżenti hemmhekk, iżda l-appellant għażel li ma jeżerċitax dan id-dritt u ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens.[3] L-istess PS 661 iżid jgħid illi huwa wissa lill-appellant illi kien jikkostitwixxi ksur tad-deroga u tal-liġi illi jitħallew xbieki armati matul il-lejl u illi ma jkun hemm ħadd preżenti magħhom, għal liema l-appellant wieġeb illi kien hu stess illi traskura ftit u m'għattihomx. In oltre jirriżulta illi PS 661 talab lill-appellant sabiex jgħaddilu l-liċenzji speċjali tal-Għasafar tal-Għana, kif ukoll tal-Malvizz u l-Pluviera u nħarġet riċevuta fir-rigward lill-appellant [4] .

[1] Ara a fol. 9 *et seq* tal-proċess.
[2] Ara a fol. 15 *et seq* tal-proċess.
[3] Din id-dikjarazzjoni tinsab esbita a fol. 19 tal-proċess.
[4] Din l-irċevuta tinsab esebita a fol. 19 tal-proċess.

Sussegwentement, nhar il-21 ta' Novembru 2021, il-liċenzji tal-appellant ġew mgħoddija lill-uffiċċju tal-*Wild Birds Regulations Unit*, għal-liema wkoll inħarġet riċevuta[5].

8. Illi nhar is-7 ta' Diċembru 2022, l-appellant deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, b'rabta ma' dawn il-fatti u nstab ħati tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu.

9. Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> sottopost għall-ġudizzju ta' din il-Qorti, l-appellant THEUMA jeċċepixxi n-*ne bis in idem* u dan għaliex isostni illi fl-20 ta' Novembru 2021, huwa diġa` kien ġie kkastigat mill-Pulizija Eżekuttiva u mill-*Wild Birds Regulation Unit* meta tteħdulu l-liċenzji speċjali. Huwa jgħid illi l-attivitajiet tiegħu in konnessjoni ma' dawn il-liċenzji ġew mitmuma ħesrem, minkejja illi l-liċenzja għall-insib u r-riċerka għall-għasafar tal-għana kienet tagħlaq fl-20 ta' Diċembru 2021[6], u l-liċenzja għall-insib u r-riċerka tal-imlievez kienet tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2021[7], u dik tal-pluvieri, fl-10 ta' Jannar 2022[8], u dan minkejja wkoll illi huwa kien għadu preżunt innoċenti. Skont l-appellant, b'għemilhom, l-awtoritajiet ħadu deċiżjoni finali u definittiva, li ma setgħetx tinbidel, għaliex il-perjodu tal-insib u r-riċerka fil-Ħarifa 2021 spiċċa, mingħajr huwa seta' jkompli fl-attivitajiet li kienu koperti bl-istess liċenzji. Skont hu, l-azzjoni tal-awtoritajiet li jeħdulu tali liċenzji kienet tammonta għall-kastig u ma kinitx waħda preventiva. Hawnhekk huwa jirreferi għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fost oħrajn, fil-każijiet <u>**Palmen vs Sweden**</u> u <u>**Nilsson vs Sweden**</u>, fejn fl-aħħar każ ingħad illi t-teħid tal-liċenzja tas-sewqan kien kastig u illi s-severita` ta' din is-sanzjoni kienet tammonta għal sanzjoni kriminali, b'dan illi għalhekk dan jikkostitwixxi '*criminal matter*' għal fini tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni.

10. Illi l-prinċipju tan-*ne bis in idem* huwa regolat fil-Kodiċi Kriminali taħt l-Artikolu 527[9], u huwa wkoll dritt fundamentali rikonoxxut fl-Artikolu

[5] Din l-irċevuta tinsab esebita a fol. 20 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 26 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 34 tal-proċess.
[8] Ibid.
[9] **L-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali** jaqra hekk:
Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra.

39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta[10]. Insibu wkoll fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, dwar id-dritt li persuna ma tiġix ipproċessata jew ikkastigata darbtejn illi:

1. Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġà ġie finalment liberat jew misjub ħati skont il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti ma għandhomx iżommu milli l-każ jerġa' jinfetaħ skont il-liġi u l-proċedura penali tal-Istat inwistjoni, jekk ikun hemm provi ta' xi fatti ġodda jew li jkunu għadhom kif ġew żvelati, jew inkella jekk ikun ħemm xi vizzju fondamentali fil-proċedimenti ta' qabel, li jista' jkollhom effett fuq kif jiżvolġi l-każ.

3. Ebda deroga minn dan l-artikolu ma għandha ssir taħt l-artikolu 15 tal-Konvenzjoni.

11. Illi kif ingħad, dan l-aggravju tal-appellant huwa bażat fuq il-fatt illi meta l-Pulizija identifikaw l-allegati fatti li taw lok għall-ksur tal-liġi relevanti u tal-kundizzjonijiet tal-liċenzji f'Novembru 2021, lill-istess appellant ittieħdulu l-liċenzji speċjali, li finalment ingħataw mill-Pulizija lil *Wild Birds Regulation Unit.* Din l-azzjoni tal-Pulizija fil-fatt ittieħdet fit-termini tar-Regolament 13 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145 li jgħid hekk:

(1) Għaż-żmien li fih ikun miftuħ il-perjodu ta' riċerka, il-Pulizija għandha tagħmel verifiki fuq il-post skont is-subergolament (7) sabiex tiżgura li l-kondizzjonijiet u l-kontenut tal-liċenza speċjali

[10] **L-Artikolu 39(9) tal-Kosituzzjoni** jgħid hekk:
Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:

Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja.

għar-riċerka, id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi jkunu qed jiġu osservati

(2) Jekk xi uffiċjal tal-Pulizija, waqt li jkun jagħmel verifiki fuq il-post skont is-subregolament (1), isib raġuni suffiċjenti sabiex jittieħdu proċeduri kontra xi persuna taħt dawn ir-regolamenti, jew regolamenti oħra rilevanti, dak l-uffiċjal għandu minnufih jieħu mill-pussess ta' dik il-persuna il-liċenza speċjali għar-riċerka maħruġa skont dawn ir-regolamenti u kull apparat użat għall-attivitajiet ta' riċerka bi ksur ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda tali persuna għandha tkun ipprojbita milli tapplika għal-liċenza speċjali għar-riċerka ġdida maħruġa skont dawn ir-regolamenti jew ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, hekk kif tinstab ħatja mill-Qorti. [sottolinear tal-Qorti]

12. Bl-istess mod, il-kundizzjoni 23 tal-Liċenzja Speċjali għar-Riċerka fuq is-seba' speċi tal-Għasafar tal-Għana fil-Ħarifa tal-2021, tgħid hekk:

Jekk xi uffiċjal tal-pulizija, waqt li jkun qiegħed jagħmel verifiki fuq il-post skont il-Qafas Regolatorju, isib raġuni suffiċjenti sabiex jittieħdu proċedimenti kontra l-persuna bil-liċenzja, dak l-uffiċjal għandu minnufih jieħu mill-pussess ta' dik il-persuna din il-Liċenzja Speċjali u kull apparat użat għall-attivatijiet ta' riċerka bi ksur tal-Qafas Regolatorju u ta' din il-Liċenzja. Dik il-persuna tkun ipprojbita milli tapplika għal-liċenzja speċjali oħra maħruġa taħt il-Qafas Regolatorju jew ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi hekk kif tinstab ħatja mill-Qorti.[11]

13. Disposizzjoni simili tinsab fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.74, li fir-Regolament 8 tgħid hekk:

(1) Matul iż-żmien li jkun miftuħ l-istaġun tal-insib fil-Ħarifa, il-Pulizija għandha tagħmel verifiki fuq il-post sabiex tiżgura li l-kondizzjonijiet u l-kontenut tal-liċenza, id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi jkunu qed jiġu osservati.

[11] Ara a fol. 26 tal-proċess.

> (2) Jekk xi uffiċjal tal-pulizija, waqt li jkun jagħmel verifiki fuq il-post skont is-subregolament (1), isib raġuni suffiċjenti sabiex jittieħdu proċedimenti kontra xi persuna taħt dawn ir-regolamenti, jew regolamenti oħra rilevanti, dak l-uffiċjal għandu minnufih jaqbad mill-pussess ta' dik il-persuna kull apparat tal-insib, arma jew munizzjon użat għall-kaċċa jew għall-insib, il-liċenza għall-insib fil-Ħarifa u kull liċenza jew permess ieħor għall-kaċċa jew għall-insib fil-Ħarifa, u kull għasfur li jinstab fil-pussess ta' dik il-persuna bi ksur ta' dawn ir-regolamenti jew ta' regolamenti oħra applikabbli jew bi ksur tal-kondizzjonijiet ta' xi liċenza jew permess:

14. In oltre fit-termini tar-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.74, u tar-Regolament 14 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145, persuna li tonqos milli tosserva xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew il-kontenut tal-liċenzja speċjali għar-riċerka, jew tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi ordni mogħtija leġittimament skont xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew xi waħda mill-kondizzjonijiet tal-liċenzja speċjali għar-riċerka għall-ispeċi rilevanti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, il-pieni stabbiliti fir-regolament 27 tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi.

15. Illi l-appellant isostni illi l-fatt illi l-liċenzja tiegħu ġiet elevata mill-pulizija u mgħoddija u miżmuma mill-*Wild Birds Regulation Unit* meta huwa kien għadu preżunt innoċenti, jikkostitwixxi kastig jew piena, u għalhekk dan jagħti lok għan-*ne bis in idem.* Mill-banda l-oħra l-Avukat Ġenerali ssostni illi l-pulizija aderixxew mal-liġi Maltija meta elevaw il-liċenzji tal-appellant, u illi l-appellant kien ben konxju tal-konsegwenzi li kien qed jiffaċċja jekk jikser xi kundizzjoni tal-liċenzja speċjali, u għaldaqstant, m'hemmx *ne bis in idem*.

*16.* Illi kif jingħad fil-*Guide on Article 4 of Protocol No. 7 to the European Convention on Human Rights*, kif aġġornat fid-29 ta' Frar 2024:

> 5. Article 4 consists of three paragraphs. The first paragraph sets out the three key components of the *ne bis in idem* principle (***Mihalache v. Romania*** [GC], 2019, § 49):
>
> 1. whether both proceedings were "criminal" in nature,

2. whether the offence was the same in both proceedings and

3. whether there was a duplication of proceedings.

The third component in turn consists of three separate sub-issues:

a. whether there were new proceedings;

b. if so, whether the first set of proceedings was concluded by a final decision; and

c. whether the exception in the second paragraph is applicable.

…

44. Article 4 of Protocol No. 7 prohibits the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a "final" decision. Article 4 of Protocol No. 7 is not only confined to the right not to be punished twice but also extends to the right not to be prosecuted or tried twice. It applies even where the individual has merely been prosecuted in proceedings that have not resulted in a conviction (Sergey Zolotukhin v. Russia [GC], 2009, §§ 110-111, in respect of an acquittal following the second set of proceedings).

17. Illi fis-sentenza tal-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Sergey Zolotukhin v. Russia** tal-10 ta' Frar 2019, ingħad hekk dwar deċiżjoni finali:

107. The Court reiterates that the aim of Article 4 of Protocol No. 7 is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a "final" decision (see Franz Fischer, cited above, § 22, and Gradinger, cited above, § 53). According to the Explanatory Report to Protocol No. 7, which itself refers back to the European Convention on the International Validity of Criminal Judgments, a "decision is final 'if, according to the traditional expression, it has acquired the force of res judicata. This is the case when it is irrevocable, that is to say when no further ordinary remedies are available or when the parties have exhausted such remedies or have permitted the time-limit to expire without availing themselves of them'". This approach is well entrenched in the Court's case-law (see, for example, Nikitin

> v. Russia, no. 50178/99, § 37, ECHR 2004-VIII, and Horciag v. Romania (dec.), no. 70982/01, 15 March 2005).
>
> 108. Decisions against which an ordinary appeal lies are excluded from the scope of the guarantee contained in Article 4 of Protocol No. 7 as long as the time-limit for lodging such an appeal has not expired. On the other hand, extraordinary remedies such as a request for the reopening of the proceedings or an application for extension of the expired time-limit are not taken into account for the purposes of determining whether the proceedings have reached a final conclusion (see Nikitin, cited above, § 39). Although these remedies represent a continuation of the first set of proceedings, the "final" nature of the decision does not depend on their being used. It is important to point out that Article 4 of Protocol No. 7 does not preclude the reopening of the proceedings, as stated clearly by the second paragraph of Article 4.

18. Illi fil-fehma tal-Qorti, l-azzjoni tal-Pulizija li permezz tagħha huma elevaw il-liċenzji speċjali tal-appellant ma kinitx deċiżjoni finali u rrevokabbli, iżda azzjoni temporanja, minkejja li b'aspetti preventivi u anke punittivi, tant illi fl-ewwel lok, skont ir-Regolament 13 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145 u l-kundizzjoni 23 tal-Liċenzja Speċjali għar-Riċerka fuq is-seba' speċi tal-Għasafar tal-Għana fil-Ħarifa tal-2021, persuna li titteħdilha l-liċenzja skont l-istess Regolament u kundizzjoni tista' terġa' tapplika għal tali liċenzja mill-ġdid, sakemm ma tinstabx ħatja mill-Qorti. Għalhekk id-deċiżjoni tas-sospensjoni tal-liċenzja ssir finali u rrevokabbli biss meta tinstab ħtija mill-Qorti. In oltre għalkemm il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.74 ma tużax l-istess kliem, biss huwa evidenti illi finalment il-piena tiġi mposta mill-Qorti u mhux mill-Pulizija Eżekuttiva jew mill-*Wild Birds Regulation Unit* u dan fil-każ biss ta' sejbien ta' ħtija, b'dan għalhekk illi skont ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.74 u r-Regolament 14 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145, f'każ ta' sejbien ta' ħtija japplikaw il-pieni prevvisti fir-Regolament 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, inkluż għalhekk is-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti taħt l-istess Regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu ta' mhux inqas minn sentejn u mhux iżjed minn ħames snin. Kien dan li ġara fil-każ odjern, meta l-ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja

jew permess rilevanti taħt l-imsemmija Regolamenti u taħt il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza. Irid jingħad ukoll illi hawnhekk mhux il-każ ta' proċeduri duppliċi, għaliex il-proċedura li bdiet bit-teħid tal-liċenzji speċjali tal-appellant u spiċċat bil-proċeduri fil-Qorti, kienet proċedura waħda, bid-deċiżjoni finali u determinanti għalhekk tkun dik ta' din il-Qorti, wara l-appell intavolat mill-appellant mis-sentenza tal-ewwel Qorti.

19. Isegwi illi d-deċiżjoni tal-Pulizija li jiġu elevati l-liċenzji speċjali pendenti l-proċedimenti penali, ma tikkostitwix piena jew kastig mogħti bħala konsegwenza ta' deċiżjoni finali ta' sejbien ta' ħtija. Lanqas ma jista' jingħad li d-deċiżjoni li tiġi temporanjament irtirata l-liċenzja tikkwalifika bħala kastig tal-istess piż daqslikieku kienet deċiżjoni meħuda mill-Qorti taħt is-setgħat mogħtija lilha mil-Leġislazzjoni Sussidjajra 549.42, bħala konsegwenza ta' sejbien ta' ħtija għaliex din id-deċizjoni ma kinitx waħda permanenti u finali bħal dik preskritta fir-Regolament 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42.

20. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-miżura li ttieħdet mill-Pulizija nhar l-20 ta' Novembru 2021 skont il-liġi, ma tagħtix lok li tiġi nvokata b'suċċess id-difiża tan-*ne bis in idem* u għalhekk qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

21. Illi mbagħad fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu, l-appellant jattakka l-eżerċizzju ta' apprezzament ta' provi kif imwettaq mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Fir-rigward, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-21 ta' April 2005, fl-ismijiet <u>**Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit**</u> fejn ingħad is-segwenti:

> ... kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma

setgħetx ragjonevolment jew legalment tasal għall-konkluzjoni li tkun waslet għaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[12]

22. L-appellant isostni illi l-ewwel Qorti ma tatx piż lill-fatt illi l-informazzjoni li wasslet lill-Pulizija fuq il-post kienet waħda li saret b'mod anonimu u dan dwar allegati ħsejjes ta' *bird caller*, li fil-fatt ma rriżultawx meta eventwalment il-Pulizija marru fuq il-post. Skont l-appellant dan huwa indikattiv tal-malizzja ta' min għamel din it-telefonata u dak illi probabbilment għamel qabel ma saret l-istess telefonata. Fir-rigward huwa jirreferi għall-ġlied tal-appellant mal-membri tal-familja tiegħu fuq passaġġ fir-raba', għall-fatt illi huwa esebixxa żewġ rapporti li huwa għamel lill-Pulizija in konnessjoni ma' dan it-tilwim, u jsostni illi huwa ma jistax jitqies kriminalment responsabbli jekk xi ħadd, biex jagħmillu vendikazzjoni, neħħa l-għata minn fuq l-imnasab tiegħu. Dan l-appellant isostnih ukoll fid-dawl tax-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, u x-xhieda ta' Franklyn Borg, mil-liema xhieda jirriżulta illi qabel l-appellant u l-istess Borg telqu minn fuq il-post għall-ħabta tat-8.00 a.m., Borg kien għatta x-xbieki tal-imnasab in kwistjoni. F'dan l-aggravju tiegħu, l-appellant isostni illi fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri huwa ċaħad illi għamel xi dikjarazzjonijiet inkriminanti mal-Pulizija u jattakka l-istqarrija rilaxxjata minnu lil PS 661 C. Grech billi jgħid illi l-imsemmi Surġent kellem lill-appellant waħdu u illi dak allegatament mistqarr minnu ma kienx traskritt f'xi dikjarazzjoni bil-miktub.

23. Jirriżulta illi l-appellant xehed f'dawn il-proċeduri illi dakinhar tas-17 ta' Novembru 2021 huwa kien qiegħed jonsob, meta għall-ħabta tat-8.00 beda jħossu ħażin, b'dan għalhekk illi huwa għajjat lil Franklyn Borg, li kien jinsab fl-għalqa ta' ma' ġenbu, sabiex jagħtih l-għajnuna. Qabel Borg wasslu d-dar, l-appellant talbu sabiex jgħattilu x-xbieki, u Borg hekk

[12] Fir-rigward, dik il-Qorti rreferiet ukoll għas-segwenti sentenzi: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991.

għamel.[13] Dan jikkonfermah ukoll Franklyn Borg fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, li jixhed illi dan seħħ xi t-8.00 a.m.[14] Fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, in kontro-eżami, l-appellant jgħid ukoll illi meta l-Pulizija bagħtu għalih, huwa qalilhom iżjed minn darba illi kien tah ħass ħażin. Madankollu, il-Qorti tinnota illi dan ma jirriżulta minn imkien mill-istqarrija rilaxxjata mill-appellant *a tempo vergine*. Anzi kull ma jirriżulta minn din l-istqarrija huwa illi wara li ngħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi u ġie mgħarraf illi kien kiser il-liġi meta ħalla l-ixbieki armati matul il-lejl, u ma kien hemm ħadd preżenti magħhom, l-appellant stqarr illi "*kien hu stess li traskura ftit u ma ghattihom*" [*recte*: għattihomx]. Mhux biss iżda PS 661 xehed, permezz tal-affidavit tiegħu, illi l-appellant ikkopera mal-Pulizija u ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġi mħarrek "*ghax l-izball kien hu li ghamlu*". Għalhekk jirriżulta mhux biss illi l-appellant ma kienx semma illi kien tah ħass ħażin jew *del resto* illi kien ħa ħsieb li jiġu mgħottija x-xbieki tal-imnasab tramite Franklyn Borg, iżda anzi mill-ewwel assuma r-responsabilita` għall-fatt illi x-xbieki ma kinux mgħottija u ammetta illi kien traskura xi ftit.

24. Fir-rigward, din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax għalfejn m'għandhiex temmen dak li xehed PS 661 in kwantu dak li huwa jgħid illi stqarr l-appellant, u dan anke jekk PS 661 għażel li jkellem lill-appellant waħdu, jew ma niżżilx dak li kien stqarr miegħu l-appellant fi stqarrija jew dikjarazzjoni redatta bil-miktub fil-forma ta' domandi mill-Uffiċjal Investigattiv u tweġibiet tas-suspettat, f'dan il-każ l-appellant. In oltre kemm il-darba l-appellant ried jattakka x-xhieda ta' PS 661 dwar dak li l-istess Surġent jgħid illi huwa stqarr miegħu, jew jekk ried juri illi huwa kien qal lil PS 661 illi dakinhar kien ħassu ħażin, allura l-istess appellant kellu wkoll id-dritt, permezz tal-Artikolu 360A(1) tal-Kodiċi Kriminali, illi jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu li jħarrek lill-istess PS 661 sabiex jagħmillu kontro-eżami, iżda dan baqa' m'għamlux.

25. Għaldaqstant, fid-dawl tax-xhieda permezz tal-affidavit ta' PS 661, din il-Qorti tqis illi l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-ġudizzju ta' ħtija fil-konfront tal-appellant għall-imputazzjonijiet kif

[13] A fol. 39a *et seq* tal-proċess.
[14] A fol. 43a *et seq* tal-proċess.

dedotti kontra tiegħu, b'dan għalhekk illi t-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

26. Illi t-tielet aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti u dan għaliex fil-fehma tiegħu, din il-piena hija waħda eċċessiva, tenut kont tal-eta` avvanzata tiegħu, illi huwa jgħix fuq il-pensjoni, u illi għandu fedina penali netta. Huwa jsostni illi għalhekk għandu jkun hemm temperatment fil-piena, kemm in kwantu l-multa, kif ukoll in kwantu s-sospensjoni tal-liċenzja.

27. Dwar dan, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005, fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) irreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004*, filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede Superjuri, kif ukoll f'dik Inferjuri:

> **"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...*that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle*." Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This**

**does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**[15]

28. Illi għalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti sempliċiment għaliex din tippreskrivi piena ogħla minn dik li din il-Qorti kienet tagħti li kieku kienet hi li erogat il-piena. Sabiex l-appell jirnexxi, jeħtieġ illi l-appellant juri illi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tagħmel l-analizi tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva, meta wieħed iqis ukoll l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena.[16]

29. Issir referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fil-każ fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler** tas-26 ta' Frar 2009, fejn il-Qorti qieset illi:

> … meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor. [sottolinear ta' din il-Qorti]

[15] Hawnhekk dik il-Qorti rreferiet għall-paġna 165, para. D23.45
[16] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Mallem Abderrahmane, Lazhari Zamouche**.

30. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, filwaqt illi din il-Qorti tqis illi l-fedina penali tal-appellant m'hijiex waħda refrattarja, bl-aħħar reat illi dwaru nstab ħati l-istess appellant jirrisali għas-sena 1999, u filwaqt illi tqis ukoll iċ-ċirkostanzi l-oħra tal-appellant, imsemmija minnu f'dan l-aggravju, mill-banda l-oħra tqis ukoll illi m'hemm xejn x'tiċċensura fil-piena mposta mill-ewwel Qorti. In kwantu għall-multa ta' elf ewro (€1,000), din mhux biss tinkwadra fil-parametri tal-piena li tipprefiġġi l-liġi skont ir-Regolament 27(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, iżda tenut kont illi l-minimu tal-piena li tista' tiġi mposta hija dik ta' multa ta' ħames mitt ewro (€500) u l-massimu ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), jirriżulta għalhekk illi l-multa mposta mill-ewwel Qorti kienet waħda li tqarreb iżjed lejn il-minimu milli lejn il-massimu. In oltre anke t-terminu tas-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn, hija fil-minimu li setgħet timponi l-ewwel Qorti.

31. Għaldaqstant anke dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellant **Carmelo THEUMA** u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi t-terminu tas-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn, għandu jibda jiddekorri minn nofs il-lejl tal-lum.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**

**Joyce Agius**
**Deputat Reġistratur**